MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 685/1995/1

**Anthony Borg bhala Direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` Bro Borg Limited**

**vs**

**Martin Pillow bhala uniku Direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` Pillow Space Frame Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-17 ta' Mejju, 1995 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici li taghmel xoghol ta' "*water-proofing membrane*", fil-Free Port f'Haz-Zabbar, liema appalt kien jinkludi l-fornitura tal-materjal u t—tqeghid tieghu u dan versu l-

prezzijiet u taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fl-anness ftehim;

Premess illi s-socjeta` attrici lestiet ix-xoghol kif pattwit u s-socjeta` konvenuta giet inutilment interpellata thallas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din il-Qorti sabiex:

1. tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tmient elef u erbatax-il Lira Maltin (Lm8014) bhala prezz ta' fornitura, xoghlijiet u tqeghid ta' "*waterproofing membrane*" fil-Free Port;

Bl-imghax min-notifika tal-Protest Gudizzjarju ta' l-14 ta' April 1993 u bl—ispejjez inluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju msemmi u tas-16 ta' Settembru 1994;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, ipprezentata fit-23 ta' Awissu, 1995 u li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talba kif indikata fic-citazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-konvenut *nomine* pprevalixxi ruhu minn dina n-nota ta' l-eccezzjonijiet u pprezenta kontra talba:-

Premess illi l-attur *nomine* rikonvenut ghamlet xoghlijiet ta' "*membrane*" fuq is-saqaf tal-Malta Freeport f'Marsaxlokk, Kalafrana u dana fuq ftehim ta *subcontracting* mal-konvenut *nomine*;

Premess illi dana x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti stante illi l-materjal li ntuza mill-attur *nomine* rikonvenut fil-kawza kien ta' kwalita' inferjuri u mhux adegwat ghall-iskop li ghalih intuza b'konsegwenza illi zviluppaw xquq fl-istess *membrane* minhabba l-fatt li ma kellux l-elasticita' necessarja;

Premess illi l-attur *nomine* rikonvenut fil-kawza rrifjuta li jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji, liema riparazzjonijiet kellu jaghmilhom il-konvenut *nomine* a spejjez tieghu b'danni konsiderevoli u problemi finanzjarji b'konsegwenza ghas-socjeta` konvenuta;

Talab ghalhekk il-konvenut *nomine* lil din il-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara illi l-attur *nomine* rikonvenut fil-kawza responsabbli ghad-danni li sofra l-konvenut *nomine* minhabba illi x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti da parti ta' l-attur *nomine* rikonvenut fil-kawza;

2. tillikwida l-imsemmija danni jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-attur *nomine* rikonvenut fil-kawza ihallas id-danni hekk likwidati, lill-konvenut *nomine*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju, u bl-imghaxijiet;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut *nomine* ghat-talba rikonvenzjonali u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenuta pprezentata fis-7 ta’ Dicembru, 1995 li fiha gie eccepit:-

1. illi l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors tas-sentejn applikabbli ghad-danni aquiliani.

2. illi s-socjeta` eccippjenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` konvenuta ghaliex ix-xoghol sar skond l-arti u s-sengha.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota guramentata tas-socjeta` attrici flimkien mal-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex tigbor il-provi;

Rat id-digriet tat-13 ta’ April, 2007 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju AIC Godwin Abela sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u tal-kontro-talba, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert nominat li tinsab a fol 322 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2008;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-prezenti istanza hi wahda minn dawk fejn, fis-sensiela ta’ kawzi f’materja ta’ appalt, parti wahda tirreklama l-hlas lilha spettanti ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol, filwaqt li l-parti l-ohra tirrezisti talba bhal din bid-difiza illi dak ix-xoghol ezegwit ma sarx skond l–arti u s-sengha. Terga’ f’dan il-kaz, il-konvenut *nomine* ma waqafx hawn ghax ghadda ‘l quddiem billi permezz ta’ kontro-talba qed jippretendi

minghand l-attur *nomine* r-rizarciment tad-danni ghal dik ir-raguni minnu opposta ghal hlas mitlub;

Huwa apparenti mill-atti illi r-rapport guridiku instawrat bejn il-partijiet hu dak ta' sub-appalt verbali konsistenti fil-fornitura ta' materjal ta' *waterproofing membrane* u l-installazzjoni ta' l-istess fuq is-soqfa ta' ghaxar imhazen kbar fil-Freeport. Sub-appalt bhal dan hu kuntratt derivat in kwantu permezz tieghu l-appaltatur (is-socjeta` konvenuta) inkarigat lit-terz sub-appaltatur (is-socjeta` attrici) biex tezegwixxi x-xoghol appena deskritt. B'mod generali, ghalih hija applikabbli l-istess dixxiplina tal-kuntratt principali, salv dejjem, fl-awtonomija kontrattwali ta' bejniethom, il-fissazzjoni ta' certi modalitajiet diversi relattivi ghalihom u ghal beneficcju taghhom;

Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel kwestjoni li ghandha tigi affrontata ghandha tkun dik rigwardanti d-difiza opposta mill-konvenut *nomine* illi x-xoghol prestat mill-attur *nomine* ma sarx skond l-arti u s-sengha. Din, wara kollox, hi wkoll il-premessa li fuqha l-istess konvenut *nomine* jipproponi l-azzjoni rizarcitorja tieghu bil-kontro-talba;

Fuq il-punt id-dottrina legali tipprovdi illi l-obbligazzjoni ta' min jippresta l-opra tieghu hi dik li jaghmel xoghol tajjeb skond l-ordinarja diligenza b'mod li dik il-prestazzjoni tieghu tkun ezenti minn vizzji jew difformita fl-ezekuzzjoni. Dan skond il-principji generali tad-dritt in tema ta' adempiment. F'dan il-kuntest il-gurisprudenza prevalenti tissenjala illi "*l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" ("**Carmelo Sciciluna –vs- Giuseppe Mallia *et***", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929). Dan sal-punt illi, imprexxindibilment minn kwalsiasi kulpa, huwa fl-obbligu li jara li dak ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. Ara "**Mario Blackman –vs- Carmelo Farrugia *et nomine***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1973;

Opportunement, jokkorri li jigi pprecizat ukoll illi r-regoli ta' l-arti u tas-sengha ma jservux biss biex jigi determinat jekk ix-xoghol giex sewwa ezegwit ghall-iskop li ghalih l-opra kienet intiza. L-istess regoli huma metru siewi biex ikun accertat ukoll il-bonta, o meno, tal-materjal uzat ghax, kif ritenut, l-ezekuzzjoni tax-xohgol tinvolvi anke l-ghazla tal-materjali u l-appaltatur ma ghandux jadopera materjali mhux tajba. Ara "**Rebecca Aquilina –vs- Giuseppe Sciortino *et***", Appell Kummercjali, 5 ta' Dicembru, 1955. Gustament gie, allura, rilevat illi "l-eccezzjoni kif impostaha l-konvenut (identika ghal dik *de qua agitur*) tikkomprendi wkoll id-difiza tan-nuqqas ta' fornitura ta' materjal idoneja ghall-post partikolari fejn jitpogga. Dan ghaliex l-ezekuzzjoni ta' appalt skond l-arti u s-sengha necessarjament tinkludi d-dover li min iforni l-materjal li ser jintuza fl-appalt, iforni dejjem materjal li jkun adattat u idoneju ghall-post li fih ser jitpogga" ("**Anthony Muscat –vs- Lawrence Cuschieri**", Appell, 26 ta' Mejju, 2006);

Dan premess, fil-kaz taht konsiderazzjoni tidher li hi t-tezi centrali tal-konvenut *nomine* illi s-sussistenza ta' l-inadempjenza skond ir-regoli predetti fl-attur *nomine* hi kkoncentrata fuq il-varjanza fil-kwalita` tal-"*water proofing membrane"* supplita billi din ma kienetx "*polyster reinforced damp proof membrane"* izda maghmula mill-"*glass fibre*" (ara deposizzjoni tieghu a fol. 120 *et sequitur*). Fuq ix-xhieda tal-Perit David Camilleri, inkarigat mis-socjeta` kommittenti tal-progett, skond ma qalulu l-esperti l-problema ta' l-ingress ta' l-ilma mis-soqfa ta' l-imhazen kienet attribwibbli ghax-xorta ta' *membrane* uzata. Ara xhieda tieghu a fol. 198. Dejjem skond dan l-istess xhud, kif ukoll xhieda ohra, il-fonti tad-difetti ma kienx dan biss izda, ukoll, fl-iddisinjar u l-immuntar ta' l-i*steel decking* tas-saqaf li zzaqqaq u li f'partijiet ma kienx hemm pendil sufficjenti, il-mod kif saru l-*gutters*, l-irfis fuq dawn l-istess *gutters* in konnessjoni ma' xoghlijiet ohra, u atti ta' vendikazzjoni bi tfigh ta' oggetti (gebel kbir u bicciet tal-hadid) fuq is-soqfa ta' l-imhazen. Ara Affidavits ta' l-attur *nomine* a fol. 18, 41 u fol. 94, dawk ta' Salvu

Sammut (fol. 26 u fol. 73) u ta’ Karmenu Farrugia (fol. 86) li, materjalment, kienu huma li applikaw il-*membrane*, u x-xhieda ta’ Carmelo Mifsud, ufficcjal tal-Freeport, a fol. 204 u fol. 241;

Kif kien mistenni, f’materja ko-involgenti accertamenti teknici komplessi, din il-Qorti hassitha fid-dmir li tinnomina espert tekniku biex dan jassistiha b’opinjoni valutativa relatata ghal fatti processwalment akkwiziti. Fuq l-istregwa ta’ l-ezercizzju esplorattiv tieghu ta’ l-elementi ta’ prova l-aktar sinjifikattivi, il-perit relatur ipprovda lill-Qorti b’dawn l-iskjarimenti teknici:-

(1) Avolja l-*waterproofing membrane* mqeghda ma kienetx konformi ghal dik ta’ l-i*specifications* bejn il-kommittenti (l-Freeport) u l-kontrattur principali (l-kumpanija General Precast Concrete Ltd), sew il-kommittent kif ukoll il-kumpanija konvenuta accettaw il-materjal divers supplit mill-attur *nomine*. Incidentalment, l-imsemmi xhud Carmel Mifsud jistqarr hekk: “Ahna bhala Freeport accettajnih” ghax l-attur *nomine* “assigurana li hu tajjeb” (fol. 205);

(2) Hu normali li d-*decking*, kompost minn pjanci rqaq u materjali hfief, u generalment uzat fejn jenhtieg li jissaqqfu spazji kbar bhall-imhazen u fabbriki, xi ftit jizzaqqaq b’rizultat ta’ rjieh qawwija jew intemperji ohra;

(3) Hu fatt li l-*membrane* fuq tali saqaf kellha tkun kompatibbli mal-movimenti tas-saqaf ghal dik li hi rezistenza;

(4) Illi ghalkemm l-“*polyster reinforced fabric*” huwa aktar b’sahhtu u aktar flessibbli minn “*fibreglass reinforced fabric*”, id-difetti li rrizultaw wara t-tqeghid tal-*membrane* ma kienx dovut ghall-inadattabilita` taghha izda ghall-fatturi estraneji ohra;

(5) *Inter alia*, il-fatt li bejn is-saqaf u l-*gutter* kien hemm parti transitorja b’pendil qawwi, l-mixi fuq il-*membrane* b’*industrial safety shoes*, il-fatt tat-tbewwiq

f'partijiet tas-saqaf li kkaguna l-formazzjoni ta' *depression* fejn l-ilma jinxef u jhalli l-precipitazzjoni ta' tajn li jaffettwa l-materjal tal-*membrane* b'mod li din titqarqac u tinqasam, u eventwalment iddghajjef il-*waterproofing quality* ta' l-istess *membrane*. Incidentalment, fuq din l-ahhar osservazzjoni kienu bosta x-xhieda li kkummentaw dwarha; senjatament, ix-xhieda Salvu Sammut u Carmel Mifsud;

Kif inhu sew evidenti minn dawn l-elementi relazzjonali mill-perit tekniku, il-gudizzju minnu fformulat huwa mahsub biex igib ghall-attenzjoni tal-Qorti certi aspetti teknici determinati bl-iskop li minnhom il-Qorti tissotraji, mhux biss l-ezistenza ta' l-obbligazzjonijiet tal-partijiet in kawza izda, fuq kollox, il-htija, o meno, ta' l-inadempiment taghhom;

Ibda biex ma jistax jonqos li jigi notat illi l-konvenut *nomine*, bhala l-aktar parti interessata fl-ezitu tar-relazzjoni, ma pprevalietx ruhha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti perizjuri. Agguntivament, din il-Qorti tistqarr li ma ssibx il-perizja deficjenti fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni adottati u, gjaladarba, ma ghandha ebda opinjoni teknika kuntrarja li tqieghed dik il-perizja fid-dubju, tkun pruzuntuza li ma tuniformax ruhha mal-konkluzjoni taghha. Fil-kuntest il-gurisprudenza hi wahda kopjuza u konkordi. Ara fost ohrajn, "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Kummercjali, 23 ta' Gunju, 1967, "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et*** *nomine*", Appell, 29 ta' Mejju 1998 u "**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar, 2001;

Gjaladarba hi l-konvinzjoni ta' l-espert tekniku illi t-tqeghid tal-*membrane* mill-attur *nomine* sar skond is-sengha u l-art u gjaladarba wkoll id-danni rizultanti minn ingress ta' ilma fl-imhazen ma kellhomx ikunu attribwibbli lill-istess attur *nomine*, din il-Qorti, anke ghar-riflessjonijiet superjorment dedotti, ma tirriskontra ebda gustifikazzjoni

biex tiddissenti mill-opinjoni teknika lilha sottomessa. Naturalment ukoll, la taqa’ l-eccezzjoni, din il-Qorti ma tistax hlief taderixxi ruhha mat-talba ta’ l-attur *nomine* kif koncepita fis-sustanza u fl-ammont mitluba;

Qabel taghlaq, din il-Qorti jidhrilha li ghandha toffri l-kummenti taghha lill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur *nomine* ghall-kontro-talba;

Huma tnejn ir-ragunijiet l-ghala din l-eccezzjoni ghandha tigi skartata:-

(1) Fl-ewwel lok, l-attur *nomine* naqas milli jispecifika l-artikolu tal-ligi relattiv ghall-preskrizzjoni ta’ sentejn. La dan huwa hekk din il-Qorti ma tistax, skond l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili tissupplixxi hi ghan-nuqqas tal-parti. Ara “**Perit Victor Muscat -vs- Edgar Tabone**”, Appell Civili, 18 ta’ Frar, 1963;

(2) Ankorke l-attur *nomine* ottempera ruhu ma’ dak li trid il-ligi fil-precitat artikolu, allura, xorta wahda, dik il-preskrizzjoni ma kienetx akkoljibbli mill-Qorti. B’mod generali hu sew maghruf li fost it-tliet xorta ta’ danni dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta’ hames snin. Ara “**Joseph Micallef *nomine* -vs- Carmelo Cassar**”, Appell Civili, 27 ta’ April, 1953. B’aktar precizjoni jinsab ritenut illi “fil-kaz ta’ appalt l-addebitu li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur li huwa responsabbli ghad-danni minhabba ezekuzzjoni hazina ta’ l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta’ kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuz jew kolpuz, u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni ghal dawk id-danni hi ta’ hames snin”. (“**Joseph Busuttil –vs- Emmanuele Schembri**”, Appell Kummercjali, 19 ta’ Frar, 1954). Ara wkoll, in subjecta materia, “**David Demarco -vs- Victor Vella**”, 23 ta’ Jannar, 1998, “**Carmela Manicolo -vs- Philip Hili**”, Appell, 5 ta’ Otturbu 1998 u “**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**”, Appell, 6 ta’ Ottubru, 2000.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza principali billi prevja c-cahda ta' l-eccezzjoni sottomessa, takkolji t-talba ta' l-attur *nomine* u b'hekk tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-istess attur *nomine* is-somma ta' tmient elef u erbatax-il lira Maltin (Lm8014) ekwivalenti ghal tmintax-il elf sitt mija u sebgha u sittin euro u sittin centezmu (€18677.60), ghal fornitura u tqeghid ta' "*waterproofing membrane* f'imhazen fil-Freeport. Dan flimkien ma' l-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett mill-14 ta' April 1993, data tal-protest gudizzjarju u l-ispejjez ta' l-istess talba principali. Il-Qorti tichad ghal kollox it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut *nomine* bl-ispejjez ukoll jitbatew minnu, salv ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fir-rigward tal-kontro talba li l-ispejjez dwarha jibqghu a karigu ta' l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------